



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5134/22

LIMITE

CORLX 7
CFSP/PESC 13
COASI 3
CSC 6

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-evakwazzjoni ta' ċerti persuni partikolarment vulnerabbli mill-Afganistan

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**dwar azzjoni tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-evakwazzjoni
ta' ċerti persuni partikolarment vulnerabbli mill-Afganistan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-10 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2001/875/PESK¹ li taħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (RSUE). Il-mandat tar-RSUE ġie estiż diversi drabi, l-aktar reċenti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/289², sal-31 ta' Awwissu 2017.
- (2) Fit-30 ta' Mejju 2007, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2007/369/PESK³ li tistabbilixxi l-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL Afganistan). L-EUPOL Afganistan ġiet estiża diversi drabi, l-aktar reċenti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2040⁴, sal-15 ta' Settembru 2017.
- (3) Fl-1 ta' Mejju 2021, it-Taliban nedew offensiva u bdew jaħtfu għadd dejjem jiżdied gradwalment ta' distretti fl-Afganistan. Fil-15 ta' Awwissu 2021, forzi Talibani ħadu l-kontroll ta' Kabul u waqqgħu l-gvern li kien imsejjes fuq il-kostituzzjoni.

¹ L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill tal-10 ta' Diċembru 2001 dwar il-ħatra tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 326, 11.12.2001, p. 1).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/289 tas-17 ta' Frar 2017 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/2005 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan (ĠU L 42, 18.2.2017, p. 13).

³ L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2007/369/PESK tat-30 ta' Mejju 2007 dwar l-istabbiliment tal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGANISTAN) (ĠU L 139, 31.5.2007, p. 33).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2040 tal-21 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/279/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN), li ttipprevedi l-likwidazzjoni tagħha (ĠU L 314, 22.11.2016, p. 20).

- (4) F'dikjarazzjoni tal-31 ta' Awwissu 2021 dwar is-sitwazzjoni fl-Afganistan, il-Kunsill iddikjara: *"l-evakwazzjoni taċ-ċittadini tagħna u, sa fejn hu possibbli, ta' nazzjonali Afgani li kkooperaw mal-UE u l-Istati Membri tagħha u l-familji tagħhom, twettqet bħala kwistjoni ta' prijorità u ser titkompla. F'dan ir-rigward, għaddejja ħidma intensiva biex jiġu identifikati soluzzjonijiet immirati għall-bqija tal-każijiet speċifiċi ta' persuni f'riskju fl-Afganistan"*.
- (5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Settembru 2021 dwar l-Afganistan, il-Kunsill iddikjara: *"... minn Awwissu 2021, il-komunità internazzjonali, inkluż l-UE u l-Istati Membri tagħha, għamlet sforz kollettiv, f'ċirkostanzi estremi, biex tevakwa eluf ta' ċittadini tal-UE u nazzjonali ta' pajjiżi terzi, inkluż Afgani li ħadmu għal missjonijiet diplomatiċi u Afgani oħra f'riskju, minħabba l-impenn ta' prinċipju tagħhom għall-valuri komuni tagħna. Din kienet turija vera tas-solidarjetà tal-UE. L-UE hija grata għas-šhubija b'saħħitha tal-Istati Uniti, in-NATO, l-alleati tagħha, u l-pajjiżi fir-reġjun f'dan ir-rigward. Din kienet turija vera tas-solidarjetà tal-UE."*
- (6) F'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, mill-1 ta' Ġunju 2021, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) organizza u gġestixxa l-evakwazzjoni ta' Afgani, b'mod partikolari ta' dawk li kienu ħadmu għar-RSUE jew għall-EUPOL Afganistan, ta' Afgani oħrajn partikolarment vulnerabbli li kienu kkollaboraw mal-Unjoni, u tal-qraba stretti dipendenti tagħhom. Evakwazzjonijiet bħal dawn jenħtieġ li jkomplu matul is-sena 2022. Lista ta' persuni eliġibbli għal din l-evakwazzjoni ġie stabbilita mis-SEAE mill-1 ta' Ottubru 2021. Hija tista' tiġi emendata kif meħtieġ mis-SEAE.
- (7) Azzjoni operazzjonali taħt il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni jenħtieġ li tappoġġa dawk l-evakwazzjonijiet,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Objettivi u kamp ta' applikazzjoni

1. L-Unjoni għandha tappoġġa l-evakwazzjoni mill-Afganistan, bejn l-1 ta' Ġunju 2021 u l-31 ta' Diċembru 2022, ta':
 - (a) eks membri tal-persunal tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE fl-Afganistan (RSUE);
 - (b) eks membri tal-persunal tal-EUPOL Afganistan;
 - (c) il-persuni l-oħra partikolarment vulnerabbli segwenti:
 - uffiċjali jew professjonisti oħra, attivi fis-settur politiku jew tas-sigurtà fl-Afganistan (bħal imħallfin, prosekuturi, uffiċjali tal-pulizija, persunal militari u ġurnalisti), li kienu mħarrġa taħt, jew li kienu involuti fl-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni;
 - membri tal-persunal ta' eks fornituri tal-EUPOL Afganistan u tar-RSUE;
 - membri tal-persunal tal-fornituri tad-delegazzjoni tal-Unjoni f'Kabul, impjegati f'dik il-kapaċità f'perijodu bejn is-16 ta' Awwissu 2019 u l-15 ta' Awwissu 2021; u,

- (d) il-konjuġi dipendenti, it-tfal, il-ġenituri u l-aħwa bniet mhux miżżewġa ta' persuni elenkati fil-punti (a), (b) jew (c).
2. L-evakwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi organizzata u ġestita mis-SEAE, taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-Rappreżentant Għoli).
 3. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Arranġamenti finanzjarji

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni għandu jkun ta' EUR 1 990 000.
2. In-nefqa kollha għandha tiġi amministrata f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.
3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tal-infiq imsemmi fil-paragrafu 2. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehim meħtieġ mas-SEAE.

Artikolu 3
Dħul fis-seħħ u durata

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Ġunju 2021.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill
Il-President
